MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Talba Numru. 776/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Anthony Mercieca a bazi tal-polza ta` assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Anthony Mercieca (ID13375 M)**

**Vs**

**Mario Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` April, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' erba mija u wiehed u tletin lira, tnejn u tletin centezmu, rapprezentanti valur ta` danni kkawzati f'incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta` Mejju, 2002, gewwa Marsa By-Pass, Marsa bejn il-vettura proprjeta` ta` l-istess attur li ghandha n-numru ta`

registrazzjoni DAH 503 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta` registrazzjoni QMS 015 ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Novembru, 2002 u ta` dik mibghuta kontestwalment ma` dan l-avviz lis-socjeta` assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Novembru, 2002 kontra l-konvenut li qieghed minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 20 ta` Jannar, 2005, fejn afferma li l-htija ta` l-istess incident kien ta` l-istess attur Mercieca u ghalhekk ma ghandux ihallas ebda danni. Fi kwlaunkwe kaz trid tingieb il-prova fuq dawn l-allegati danni.

B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali in kwistjoni sehh fuq il-Marsa By Pass qabel ma` tohrog ghat-Triq Principali. Saret fit-telgha fil-parti tat-triq li fiha zewg karreggjati. Skond il-verzjonijiet irrappurtati fir-rapport tal-Pulizija, iz-zewg sewwieqa taw storja konfliggenti fis-sens illi ghalkemm it-tnejn jaqblu li l-attur kien miexi fuq ix-xellug tat-triq u l-konvenut fuq il-lemin, ta` l-ewwel ighid li kienu telghin flimkien biswit xulxin u l-impatt sehh il-ghaliex il-konvenut qasam il-karreggjata tieghu mill-lemin ghax-xellug filwaqt li l-konvenut jafferma l-oppost u cioe` li kien l-attur li qasamlu l-karreggjata mix-xellug ghal lemin.

Illi qabel ma nigu ghal verzjonijiet guramentati tas-sewwieqa, t-Tribunal jinnota li l-iskizz ezebit a fol. 27 tal-process jista jaghti indikazzjonijiet dwar liema verzjoni tista` tigi meqjusa aktar verosimili. Difatti wiehed jinnota li

l-vettura ta` l-attur tinsab quddiem dik tal-konvenut, tinsab skontrata *at a right angle* u kif ukoll tinsab interament fuq il-karreggjata tal-konvenut. Illi mad-daqqa t'ghajn ghalhekk wiehed ghandu jikkonkludi mill-istess skizz li kien l-attur li qasam lejn il-konvenut u mhux bil-kontra. Altrimenti tigi daqsxejn inspjegabbli kif il-vettura tal-konvenut baqghet fuq il-karreggjata tieghu u baqghet lura minn dik ta` l-attur li kieku l-incident sehh billi qasam hu lejn ix-xellug fuq il-karreggjata ta` l-attur.

Illi huma sinifikanti wkoll il-hsarat fuq il-vettura ta` l-attur li jibdew  minn fuq il-front right bumper u jibqghu sejrin sal-bieba ta` wara. Ghalhekk li kieku huwa minnu li l-konvenut qasamlu t-triq *non si* spjega il-hsara li ghandu l-attur lejn in-naha ta` wara.

Francois Cassar li kien riekeb ma` l-attur ighid li l-konvenut habat maghhom fuq in-naha ta` nofs il-genb taghhom u mhux li kiser quddiemhom. Igid ukoll illi biex jevita li jahbat mal-hajt tax-xellug l-attur kiser fuq il-lemin cioe` lejn il-karreggjata tal-konvenut u kien ghalhekk li spicca quddiemu. Issa generalment jekk inti thoss daqqa fuq il-genb tal-lemin tieghek, awtomatikament tikser lejn ix-xellug u tibbrekkja u mhux kif donnu qed jalludi dan ix-xhud illi mad-daqqa l-attur saq aktar mill-konvenut u gibed ghal quddiemu. Bir-rispett kollu l-manuvra kif deskritta minn dan ix-xhud ma taghmilx sens. Fil-fatt dan ix-xhud jispjega li l-attur spicca quddiem il-vettura tal-konvenut peress illi l-attur "*tilef kompletament il-kontroll tal-vettura tieghu u ghalhekk spicca quddiemu"*. Jikkonferma wkoll li l-attur kiser kompletament ghal fuq il-lemin u ghalhekk spicca quddiem il-vettura Toyota kif tidher fuq l-iskizz.

L-attur xehed illi l-vettura tal-konvenut ma rahiex qabel ma sehh l-impatt u dana nonostante li huwa stess ighid li x'aktarx kienu telghin ma` genb xulxin. Ghalkemm l-attur ighid li huwa kien tiela` bil-mod u dana f'telgha xorta wahda pero` rnexxielu, skond il-verzjoni tieghu, illi ma` l-impatt l-ewwel kiser lejn ix-xellug tieghu u mbaghad biex jevita li jahbat mal-hajr rega` kiser ghal kollox lejn il-lemin, dahal kompletament fuq il-karreggjata tal-konvenut u spicca *at right angle* kif muri fuq l-iskizz. Ighid ukoll li ma`

l-impatt huwa zamm il-brake. Din ma treggix peress illi jekk tassew zamm il-brake kif allura ghamel il-manuvra li semma` qabel lejn ix-xellug u mbaghad lejn il-lemin u spicca kif spicca quddiem il-konvenut u dana kollu sehh f'telgha u inoltre bil-brake maghfus. Tali verzjoni ma hiex koncepibbli.

Il-konvenut li kien tiela` l-istess telgha fuq in-naha tal-lemin, minn naha l-ohra jafferma li huwa f'ebda hin ma bidel il-karreggjata tieghu jew li beda jaghmel xi manuvra b'dan il-ghan. Huwa kien tiela` dritt, baqa` dritt u spicca dritt hekk kif muri fuq l-iskizz. Huwa ighid li hass daqqa fuq in-naha ta` wara, kwindi huwa ghafas il-brake u l-vettura l-ohra baqghet tigbidlu l-genb kollu tieghu sakemm spiccat quddiem tghalaqlu l-karreggjata tieghu thares lejn il-hajt fuq in-naha tal-lemin. Il-hsarat fuq il-vettura tal-konvenut kif irrappurtati mis-surgent fil-fatt huma kompatibbli mal-verzjoni li ta l-istess konvenut apparti l-fatt li din il-verzjoni tinsab ukoll ikkonfortata mill-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi kif murija fuq l-iskizz ta` l-istess Surgent Costa.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, it-Tribunal jinsab konvint li l-incident in kwistjoni pjuttost sehh minhabba li kien l-attur innifsu li gibed ghal fuq il-karreggjata tal-konvenut, laqtu, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u spicca quddiem l-istess konvenut fuq il-karreggjata tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-attur Androcles (mhux Anthony) Mericeca kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kwindi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------